MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2011

Numru 1406/2011

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**

**KONTRA**

**ALI FATIMA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Ali Fatima ta' 40 sena, bint ali u Kaha nee' Cemac, mwielda Somalja fl- 1 ta' Jannar 1971, residenti Hal- Far Detention Centre, u detentrici tan- numru tal- Pulizija 11A-067;

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar il- 21 ta' Dicembru 2011 ghall- habta tas- 6.00pm gewwa Hal- Far bil- hsieb li tahrab minn post ta' kustodja jew mill- kustodja tal- persuna jew persuni nkarigati tat bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tal- hatja;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skont il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissieta bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Wara li rat l- Artikoli 41 u 151 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tikkundannaha tlitt (3) xhur prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------